**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti Istruttorja**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Anthony Zarb, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 31799M**

***Kump. Nru.612/2018***

Illum, **28 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Anthony Zarb** u ċioe` talli:

Bejn l-24 ta' Lulju, 2017 ġewwa l-"*Convenience Shop,*" Misraħ Gavino Gulia, Bormla, f'dawn il-gżejjer Maltin:-

1. Waqt li kien impjegat fl-imsemmi ħanut ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-dannu tal-kumpanija "*Convenience Shop.*"

2. U aktar talli fl-istess perjodu approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih minn ħwejjeġ tal-kwerelant u ċioe` għad-dannu tal-kumpanija "*Convenience Shop,*" konsistenti fi prodotti għall-bejgħ u flus li ġew ikkunsinnati u/jew afdati f'idejh taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnhom speċifikat.

> Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija t'ordna direttiva li tobbliga lill-ħati li jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew akkwistata bi qliegħ ieħor kontra l-liġi, bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru jkun ġie misjub ħati hekk kif imsemmi fl-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.[1]

Rat li l-imputat m'għandux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fil-21 ta' Frar, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**Il-Provi**

Skond il-**Current Incident Report**[3] nhar it-28 ta' Ottubru, 2017 għall-ħabta tan-12:30pm, mar ġewwa l-Għassa ta' Bormla ċertu Andrew Attard, fil-kapaċità tiegħu ta' *manager* mal-kumpanija *The Convenience Shop,* sabiex jagħmel rapport dwar ċertu Anthony Zarb li kien daħal jaħdem mal-kumpanija fl-24 ta' Lulju, 2017 u li kien ġie tterminat l-impjieg tiegħu fil-21 ta' Ottubru, 2017. Attard spjega illi fit-22 ta' Ottubru ta' dik l-istess sena kien sar iċċekkjar tax-xogħol tal-ħaddiema li kienu impjegati ġewwa l-ħanut ta' Bormla. Minn dak l-eserċizzju irriżulta illi fi tlett xhur, Zarb kien għamel 428 żball mal-*cash.* Attard allega li ħafna minn dawk l-żbalji kienu intenzjonali sabiex Zarb jisraq il-flus. Kien għalhekk illi s-superjuri tiegħu iċċekkjaw is-CCTV ta' fuq il-*cash* u skoprew illi Zarb kien qed jisraq billi l-ewwel jgħaddi oġġett mill-*price scanner* u mbagħad jikkanċellah biex taparsi ħa żball. Imbagħad kien inewwel l-oġġett lill-klijent u

[1] Fol.4
[2] Fol.6
[3] Fol.13-16

jżomm il-flus hu. Attard allega illi Zarb nqabad fuq il-filmati jagħti xi oġġetti lill-klijenti mingħajr ma jżomm il-flus.

Attard ipproduċa wkoll xi *records* tal-kumpanija li kkonfermaw li Zarb daħal jaħdem magħha fl-24 ta' Lulju, 2017 u spiċċa fil-21 ta' Ottubru, 2017.[4] F'dak il-perjodu Zarb ħareġ 4,423 riċevuta, li jfisser li qeda dak in-numru ta' klijenti u għamel 428 żball. **Is-somma li tilfet il-kumpanija kienet ta' €1,093.76**. Attard ippreżenta wkoll żewġ CDs bil-filmati fejn allegatament jidher Zarb jisraq jew jagħti xi affarijiet lil persuni, x'aktarx ħbieb tiegħu, mingħajr ma jżomm il-flus.[5] Attard informa lis-superjuri tiegħu li infurmaw lil Zarb li l-impjieg tiegħu kien se jiġi tterminat. Attard kellem lil Zarb u qallu li kien ser ikellmu aktar tard peress illi s-somma misruqa kienet għadha mhix magħrufa. Attard qal illi Zarb kien qal li kien lest iħallas is-somma ta' €300 iżda l-*manager* ma riedx jintrabat ma' ebda somma.

Zarb kien mitkellem ġewwa l-Għassa ta' Bormla fit-3 ta' Novembru, 2017. Hu rrifjuta li jkellem avukat ta' fiduċja tiegħu u ffirma dikjarazzjoni f'dak is-sens.[6] Hu qal illi fil-fatt kien daħal jaħdem ma' *The Convenience Shop* f'Bormla f'Marzu u mhux f'Lulju kif qalu huma, peress li kien daħal magħhom bl-iskema tal-iskola fejn dam madwar xahar u nofs. Meta spiċċat dik l-iskema, kienet avviċinatu *manager* tal-ħanut u offrietlu li jibqa' jaħdem magħhom fuq bażi *full time.* Zarb qal illi hu qalilha li xtaq jibqa' fuq bażi *part time.* Hu ċaħad li qatt żamm xi flus għalih. Spjega li kemm-il darba għadda l-affarijiet mill-*cash* biex jiċċekkja l-prezzijiet għall-klijenti li jsaqsuh kemm kien jiswa xi oġġett partikolari. Hu kompla jispjega li ġieli kien hemm xi żball ukoll u hu kien jagħmel *cancel* minnufih. Rigward l-allegazzjoni li kien jagħti xi affarijiet b'xejn, Zarb qal li kien hemm *policy* li ma setax jaqdi ħbieb tiegħu u familjari. Hu qal li dan kien kollu gideb min-naħa tal-Convenience.

**Andrew Attard**,[7] *Operations Manager* mal-kumpanija *The Convenience Shop,* spjega illi qabel il-kumpanija kien jisimha *Furnata Limited.* Għall-ħabta ta' Ottubru 2018, il-kumpaniji kollha ingħaqdu taħt *The Convenience Shop Limited.*

Ix-xhud spjega illi kien hemm rapport dwar xi abbuż fejn impjegat kien qiegħed jiskennja l-oġġetti tal-klijenti u mbagħad l-aħħar *item* ikun imħassar jew *voided.* Dan kien qiegħed isir b'mod ripetittiv. Kompla jispjega illi din il-*function,*

---

[4] Fol.18-21 **DOK.CZ2**
[5] Fol.22 **DOK.CZ3** u **CZ4** (attwalment jinsabu a fol.75 tal-proċess)
[6] Fol.17 **DOK.CZ1**
[7] Fol.23-32

magħrufa bħala *error correct,* kienet hemm biex jekk jiġi *scanned* xi oġġett bi żball, tkun tista' tħassar l-aħħar *item* biss. Suppost is-sistema tintuża tajjeb imma setgħet tintuża b'mod ħażin. Meta induna b'dan l-abbuż, ix-xhud iċċekkja u vverifika permezz tas-CCTV *cameras* kif ukoll mis-sistema nnifisha li kienet turi x'ġie skennjat u x'ġie imħassar. Mill-kamera kien jidher illi l-**klijent fil-fatt ħa l-oġġetti kollha waqt li d-differenza ta' l-aħħar *item* kienet tiġi mwarrba fin-nofs**. F'wieħed mill-filmati, l-impjegat deher isarraf u **jdaħħal il-flus fil-but**. Ix-xhud qal illi mis-sistema deher li l-***error correct* saret 428 darba, għal total ta' €1,093.76c.**

> *Pero nifhem li kien hemm persentaġġ minnhom li iva vera il-klijent ġew u kienu error corrects vera, biss l-maggoranza ma kinitx żgur, anke jekk naraw il-filmati li għaddejt lill-pulizija jien stess.*[8]

Rigward is-CCTVs, ix-xhud spjega illi kull ħanut kellu sistema ta' *cameras* fejn il-filmat kien jiġi *saved* għal numru ta' ġranet. Meta raw ir-*recordings* ivverifikaw li kienu jiġu ppanċjati, per eżempju, erba' affarijiet u mbagħad l-aħħar wieħed kien jitnaqqas mis-sistema. Kien jidher anke l-moviment fuq il-*cash.* Il-klijent xorta jmur bl-*items* kollha u jħallas. Ix-xhud qal illi l-*managers* tal-kumpanija kellhom il-faċilita` li jiddawnlowdjaw il-filmati *with just a click of a button*. Rigward ir-rapport dwar it-*transactions* li saru, spjega illi dan kien maħruġ mis-sistema tal-ħanut.

Ix-xhud qal illi meta Zarb kien jaħdem ġewwa *The Convenience Shop* ta' Bormla, dan kien taħt kumpanija jisimha *Furnata Limited* li illum il-ġurnata ma kinitx għadha *active* u li kienet ġiet inkorporata ma' kumpanija oħra jisimha *The Convenience Shop Limited.* Il-ħanut fejn kien impjegat Zarb żamm l-istess isem, jiġifieri *The Convenience Shop.*

**Joseph Saliba,** in rappreżentanza ta' JobsPlus, ippreżenta l-*employment history* tal-imputat li kienet tikkonferma illi bejn l-10 ta' Lulju, 2017 u l-21 ta' Ottubru, 2017, kien impjegat bħala *part time shop assistant* ma' *Furnata Ltd* ġewwa Bormla.[9]

**PS859 Alistair Micallef,** stazzjonat ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, xehed illi fl-24 ta' Awwissu, 2018 kien preżenti flimkien ma' l-Ispettur Christabelle Chetcuti meta ttieħdet l-istqarrija tal-imputat. Ix-xhud qal illi dakinhar, l-

---

[8] Fol.26
[9] Fol.35-36 u **DOK.JS** a fol.37

imputat kien għażel li ma jweġibx għal ħafna mill-mistoqsijiet, kif ukoll kien iffirma dikjarazzjoni dwar ir-rifjut tal-assistenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-istqarrija.[10]

**L-Avukat Steven Farrugia Sacco,[11]** maħtur bħala espert biex janalizza żewġ DVDs flimkien ma' **DOK.CZ2** sabiex joħroġ *stills* minnu bil-ħin u l-ġurnata, spjega li kien hemm biss tliet fotogrammi li setgħu jittieħdu minn dawk il-ġranet u ħinijiet indikati f'**DOK.CZ2** u dan in vista tal-filmati disponibbli. Ix-xhud qal illi kien ħa diversi fotogrammi oħra. Kompla jispjega illi possibbilment kien hemm diskrepanza bejn il-ħinijiet għax id-DVR li ħa dawn il-filmati u s-sistema li ipproduċiet **DOK.CZ2** ma kinux sinkronizzati flimkien. L-espert irrileva illi:

> *....għalkemm ma jidhirx li saret xi alterazzjoni fil-filmat, xorta waħda l-esponent ma jistax jikkonferma li l-ħin u d-data li jidhru fuq il-fotogrammi huma fil-fatt tajbin [ossia r-real time and real date]. Dan stante ma kienx l-esponent li ħa kopja tal-filmat in kwistjoni.*[12]

**Ex-Spettur Christabelle Chetcuti,[13]** xehdet fis-seduta tal-14 ta' April, 2023, fejn qalet illi nhar it-28 ta' Ottubru, 2017 meta kienet stazzjonata ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Zabbar, kienet infurmata illi kien daħal rapport ġewwa l-Għassa ta' Bormla minn ċertu Andrew Attard bħala *manager* tal-kumpanija *The Convenience Shop*. Ir-rapport sar fil-konfront ta' ex-impjegat bl-isem ta' Anthony Zarb li kien beda jaħdem magħhom f'Lulju tal-2017. L-impjieg tiegħu ġie terminat f'Ottubru tal-2017 peress illi wara li kien sar *audit* fuq il-ħaddiema kollha, instab li l-istess Zarb kien għamel total ta' 428 żball. Per eżempju, kien jiskennja oġġett li jkun inġab minn xi klijent u mbagħad jerġa' jikkanċellah. Dan kien ukoll osservat minn CCTVs li kienu jiġbdu fuq in-naħa fejn kien hemm il-*cash point.* Attard kien ukoll ipproduċa dokumenti li juru l-ammont ta' żbalji u t-total ta' irċevuti maħruġa minn Zarb li kienu jammontaw għal 4,423 li minnhom 428 kien fihom żball. Il-*manager* qal li kien ipprova javviċina lil Zarb biex jirranġaw l-affarijiet bejniethom qabel ma jirrapporta l-każ lill-pulizija u skontu, Zarb kien lest iħallas €300 ta' dawn l-oġġetti. Iżda Attard ma qabilx għaliex kienu għadhom qegħdin jiċċekkjaw kemm kien attwalment it-telf li

---

[10] Fol.39-40, **DOK.CC1** a fol.41-paġna wara fol.43, erronjament mhux enumerata u **DOK.CC2** a fol.44
[11] Fol.47-49 u **DOK.SFS** a fol.50-75
[12] Fol.57
[13] Fol.95-98

ġarrbet il-kumpanija. Meta l-pulizija bagħtu għal Zarb, hu nnega l-affarijiet li kien irrapporta Attard. Meta ttieħdet l-istqarrija tiegħu, Zarb għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda.

**Ikkunsidrat;**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Fit-28 ta' Ottubru, 2017 daħal rapport ġewwa l-Għassa ta' Bormla minn *manager* ta' kumpanija li kienet tiġġestixxi l-*Convenience Shop* fl-istess lokalita` u li allega illi wieħed mill-impjegati tagħhom kien għamel numru sostanzjali ta' żbalji bħala kaxxier billi l-ewwel kien jiskennja l-oġġetti tal-klijenti u mbagħad jikkanċella l-aħħar *item* minn fuq il-kont. Il-*manager* allega illi l-impjegat kien abbuża mis-sistema ta' *error correct* a detriment tal-kumpanija u dak l-abbuż kienu saru jafu bih meta għamlu eżerċizzju ta' *auditing* tal-impjegati. L-istess *manager* ippreżenta żewġ DVDs kontenenti filmati kif ukoll informazzjoni oħra mis-sistema tal-ħanut li skontu kienu jikkonfermaw l-allegat abbuż. L-impjieg tas-suspettat ġie tterminat. Meta mitkellem mill-pulizija, l-ex-impjegat innega dak kollu li kien allegat fil-konfront tiegħu.

Konsegwentement, ittieħdu proċeduri kontra l-imputat ai termini tal-Artikoli 261(c)(d), 268(d), 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti tosserva preliminarjament illi l-każ jippernja fuq rapport magħmul minn *manager* ta' kumpanija li tiġġestixxi *The Convenience Shop* ġewwa Misraħ Gavino Gulia, Bormla fejn allegatament fuq perjodu ta' madwar tlett xhur, minn Lulju sa Ottubru 2017, il-kumpanija sofriet dannu minħabba allegat serq da parti ta' wieħed mill-impjegati, ċioe` l-imputat. L-istess uffiċjal għadda lill-pulizija żewġ DVDs kontenenti seba' filmati tas-CCTV, kif ukoll informazzjoni iddawnlowdjata mis-sistema tal-ħanut dwar il-ġranet ta' xogħol u t-*transcations* attribwiti lill-imputat. Din l-evidenza ġiet sussegwentement ikkonfermata mill-istess *manager* meta xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti, kif preċedentement preseduta, fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri. Iżda għajr għal din il-prova, it-testimonjanza ta' rappreżentant ta' Jobsplus u r-relazzjoni ta' espert tal-Qorti, maħtur biex jagħmel xi xogħol fuq il-filmati mill-ħanut, il-proċess hu

karatterizzat minn skarsezza ta' provi li setgħu saħħew il-każ tal-prosekuzzjoni.

*<u>Chain of Custody</u>*

L-abbli difiża esprimiet tħassib dwar il-filmati tas-CCTVs li ġew ippreżentati mill-istess xhud li għamel ir-rapport lill-pulizija u sussegwentement prodotti bħala evidenza in atti. Ix-xhud ikkonferma illi dawk il-filmati tniżżlu mill-*cameras* li kien hemm fil-ħanut, minnu u mill-kollegi wara konsultazzjoni mat-tekniċi tagħhom:[14]

> **Xhud:** *Dawk kull ħanut għandna sistema ta' CCTVs cameras fejn għandek numru ta' żmien fejn dawn jiġu saved, jidhirli xi 8 days jekk mhux sejjer żball, xi ħaġa hekk. Irrid nikkonfermalek. Fejn iżżomm id-data hemmhekk tal-ġranet ta' qabel u mbagħad meta aħna we kicked off b'din il-biċċa tax-xoghol rajna r-recordings li kienu qed isiru fuq is-sistema u vverifikajna biex naraw eżattament x'ġara mill-cameras f'dak l-actual time, fejn juri kif spjegajt ....jiġu ppanċjati għall-argument 4 affarijiet u l-aħħar wiehed jitnaqqas mis-sistema. Jiġifieri anki l-moviment fuq il-cash taghna u l-klijent xorta imur bl-items kollha u jhallas.*
>
> **Qorti:** *Issa biex nantiċipa, mela għandek dawn is-CCTV cameras inti bl-għajnuna ta' xi ħadd irnexxilek tniżżel dan id-DVDs jew is-CDs? Jiġifieri ġibt tekniċi ta' min installalek biex jaghmillek ix-xoghol?*
>
> **Xhud:** *Iva.....għandna l-faċilita li naghmluha ahna wkoll nghidlek il-verita....il-managers iva.*
>
> .........
>
> **Qorti:** *Jigifieri ma gibtx ghajnuna? Ghamiltuha intom?*
>
> **Xhud:** *Le ninfurmawhom ahna li s-sistema, niftakar kont saqsejtu sa kemm imur lura lill-kumpanija li tipprovdilna l-cameras u iddawnlowdjajnihom ahna with just a click of a button*

Dawk il-filmati ingħataw lil espert tal-Qorti sabiex joħroġ *stills* bil-ħin u l-ġurnata tidher u jqabbilhom ma' dokument ieħor li kellu *time stamps* u li jidher li kien maħruġ minn xi forma ta' *cash system.* Wara li għamel l-analiżi tiegħu, l-espert ikkonkluda illi *"kull ma qablu bħala ħinijiet kienu tlett ħinijiet. Issa dan x'aktarx huwa mħabba l-fatt li s-sistema tal-cash system u s-sistema tad-DVR ma kienx sinkronizzata..."*[15]

---

[14] Fol.27-28
[15] Fol.48

Il-Qorti tqis illi mhux ċar min kien responsabbli għad-*download* ta' dawn il-filmati peress illi x-xhud li għaddihom lill-pulizija tkellem fil-plural meta mistoqsi dwar dan waqt it-testimonjanza tiegħu u qal *"iddawnlowdjajnihom aħna....jiena u l-kollegi tiegħi, il-managers."*[16] Minkejja din l-istqarrija, ma ssejjaħ l-ebda wieħed minn dawk il-kollegi jew rappreżentanti oħra tal-kumpanija sabiex jixhdu dwar dan il-fatt, b'tali mod li jitfgħu dawl fuq il-proċess kollu sa ma l-filmati waslu f'idejn il-pulizija u b'hekk jagħtu xhieda tal-awtentiċita` u kompletezza tal-prova prodotta in atti. Aktar u aktar jeżisti dubju dwar kif sar il-proċess stante li ma nġabet l-ebda prova ta' xi forma ta' prekawzjoni jew kontroll. Jidher illi l-proċess ma sarx taħt is-superviżjoni tal-pulizija jew ta' xi espert forensiku. Tant hu hekk illi l-Qorti tosserva li l-espert tekniku li ġie appuntat minn din il-Qorti, kif preċedentement preseduta, wara li qeda l-inkarigu tiegħu, ikkonkluda r-relazzjoni tiegħu billi ddikjara illi:

> *...jixtieq jirrileva li għalkemm ma jidhirx li saret xi alterazzjoni fil-filmat, xorta waħda l-esponent ma jistax jikkonferma li l-ħin u d-data li jidhru fuq il-fotogrammi huma fil-fatt tajbin [ossia r-real time and real date]. Dan stante ma kienx l-esponent li ħa kopja tal-filmat in kwistjoni.*[17]

L-istess jista' jingħad għad-dokumenti l-oħra li ppreżenta l-*manager.* Meta xehed f'dawn il-proċeduri, Attard għamel referenza għad-dipartiment tal-HR meta spjega kif kien ivverifika ċerti dettalji dwar l-imputat ma' dak id-dipartiment.[18] Iżda ma ssejjaħ l-ebda uffiċjal minn dak id-dipartiment jew minn xi dipartiment ieħor, involut fil-ġbir ta' dik l-informazzjoni, sabiex jikkonfermaw id-*data* prodotta bħala prova. Il-Qorti tqis illi l-ġbir tal-evidenza u l-proċess applikat sabiex jiġi assikurat illi tali evidenza ma tkunx ikkontaminata, huwa fattur kruċjali fil-kamp penali. Dwar dan tkellmet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Fodie Keita:**[19]

> L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta proċess penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jiġi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabbilixxi l-validità tal-prova kostitwita b'dik l-evidenza jrid isir eżami tal-iter segwiet mill-mument illi dik il-prova ndizzjarja titfacca fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet ippreservata u sussegwentement min għamel l-eżamijiet forensiċi fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.

---

[16]Fol.28
[17]Fol.57
[18]Fol.26
[19] Per is-S.T.O Prim Imħallef Joseph Azzopardi, Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon u Onor. Imħallef Edwina Grima, deċiża fit-30 ta' Jannar, 2019

Dan ghaliex:

............

**...the value of even the most carefully recovered and preserved evidence can be lost if the chain-of-custody is not properly maintained. "Chain-of-custody" is often recognized as the weak link in criminal investigations. It refers to the chronological and careful documentation of evidence to establish its connection to an alleged crime. From the beginning to the end of the forensic proċess, it is crucial to be able to demonstrate every single step undertaken to ensure "traceability" and "continuity" of the evidence from the crime scene to the courtroom.[20]**

Kif ġa sar aċċenn, għalkemm ġew prezentati dokumenti[21] li jindika li l-imputat ħadem numru ta' *shifts* fil-perjodu imsemmi fiċ-ċitazzjoni, ma tressqet l-ebda persuna mid-dipartiment konċernat li pproduċiet dawn ir-records.[22] Attard fl-ebda ħin ma jikkonferma li fil-fatt kien hu jew taħt is-supervizjoni tieghu li ġew ġenerati d-dokumentai prezentati. Jghid biss *"Nista nipprintjah jien mill-ħanut"*[23] u mhux li pprintjaħ hu! Lanqas ma jiddikjara li kellu xi sehem fil-ġenerazzjoni tar-*roster*[24] izda biss ipprezentaħ mingħajr ma jaghti dettalji uletrjuri.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ġurisprudenzjali, il-Qorti tqis illi kellha raġun l-abbli difiża fil-każ odjern, tqajjem dubji dwar kif inġabret l-evidenza li ngħatat lill-pulizija u li fuqha kienu mibnija l-akkużi fil-konfront tal-imputat.

<u>*Error correct*</u>

Il-każ tal-prosekuzzjoni jiċċentra fuq rapport magħmul minn rappreżentant ta' kumpanija fejn ġie allegat illi impjegat, li dakinhar tar-rapport kien diġà tkeċċa mill-impjieg, kien wettaq *"xi abbuż"* bħala kaxxier, permezz ta' sistema magħrufa bħala '*error correct.*' L-istess rappreżentant spjega kif din is-sistema kienet intiża biex *"suppost tintuża tajjeb imma tista' tintuża b'mod ħażin."*[25] L-allegat abbuż inkixef meta l-kumpanija wettqet eżerċizzju ta' awditjar fuq l-impjegati tagħha u rriżulta illi l-imputat kien wettaq numru sostanzjali ta' 'żbalji.' Hu kien *"jiskennja l-items tal-klijent, biss l-aħħar wieħed kien qed jiġi*

---

20 www.unodc.org/documents/scientific/Crime_scene_awareness_Ebook.pdf - Crime scene and physical evidence awareness for non-forensic personnel- United Nations Office on drugs and crime (2009)

21 Dok.CZ2 a fol.16

22 Dok.AA u Dok.AA1 a fol. 33 u 34

23 Fol.30 re **Dok.AA1** a fol.34

24 **Dok.AA** a fol.33

25 Fol.24

*mħassar, voided jgħidulu."*[26] Imbagħad kien allegatament jieħu l-flus ta' dak l-oġġett hu. Skond l-*operations manager* li rrapporta l-każ, din il-proċedura kienet qiegħda ssir *"b'mod ripetittuż....numerous times fil-ġurnata."*[27] Kien hemm okkażjonijiet oħra fejn allegatament għadda oġġetti lill-klijent b'xejn. Dan il-fatt qajjem suspett u kien għalhekk li saru verifiki ulterjuri permezz tas-CCTV *cameras* u informazzjoni miksuba mis-sistema tal-*cash.* Skond dawk il-verifiki, l-imputat kien ħareġ 4,423 riċevuta fuq perjodu ta' tlett xhur, li f'428 minnhom kienet intużat l-*error correct.* Ġimgħa wara li ġie itterminat l-impjieg tal-imputat, il-kumpanija għamlet rapport lill-pulizija.

Fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali kif ukoll tal-kunsiderazzjonijiet ġia magħmula, il-Qorti ma tinsabx moralment konvinta li r-reati addebitati lill-imputat ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Il-prosekuzzjoni tidher li straħet fuq l-informazzjoni prodotta mill-kumpanija. Barra minn hekk, oltre dak li xehed l-uniku rappreżentant tal-kumpanija, ma nġabet l-ebda prova oħra biex tissostanzja l-verżjoni ta' dak ix-xhud. Hu stess stqarr illi:

> *Pero nifhem li kien hemm persentaġġ minnhom li iva vera il-klijent ġew u kienu error corrects vera, biss l-maggoranza ma kientx zgur, anki jekk naraw il-filmati li għaddejt lill-pulizija jien stess.*[28]

**Il-Qorti tqis li dan il-punt kellu jiġi ċċarat permezz ta' investigazzjoni u verifiki ulterjuri sabiex jiġi determinat liema minn dawk l-428 *error correct* kienu ġenwini u liema allegatament abużivi**.

Fid-dawl ta' dak li stqarr ix-xhud, tqum waħedha l-mistoqsija dwar kif wasal għall-konklużjoni li *"l-maggoranza ma kientx zgur."* Iżda l-proċess hu sajjem minn kwalunkwe spjegazzjoni. Anke l-espert tekniku li eżamina l-filmati fid-dawl ta' numru ta' *recordings* indikati mill-parti leża, ikkonkluda illi seta' jipproduċi biss tlett *stills* minn dawk indikati, possibbilment minħabba li s-sistema tad-DVR u dik li pproduċiet l-informazzjoni dwar ix-shifts u t-*transactions* relatati mal-imputat, ma kinux sinkronizzati.[29]

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Huwa prinċipju stabbilit fil-kamp penali illi, b'mod ġenerali, l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li għandha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn

---

[26] Ibid
[27] Ibid
[28] Fol.26
[29] **DOK.SFS** a fol.50-74 u **DOK.CZ2** a fol.18

kull dubju dettat mir-raġuni jew *beyond reasonable doubt.* Dan il-prinċipju jorbot fuq il-preżunzjoni tal-innoċenza tal-imputat li m'għandu għalfejn iressaq l-ebda prova biex jipprova l-innoċenza tiegħu. Huwa dover tal-prosekuzzjoni li tressaq provi li jkunu ta' tali grad ta' buon sens jew għaqal li jwasslu lill-ġudikant biex jaqbel mat-teżi tagħha. Kif jgħallmuna l-Qrati tagħna u bħalma rriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Twain Sciberras:**[30]

> Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale:[31]
>
> "*Il cosi detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa- onus probandi incumbit qui osservit.*"

Dan il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza huwa dritt fundamentali ta' persuna akkużata, imħares taħt l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jiddisponi illi:

> **Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati.**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat fid-dettall dan id-dritt tal-akkużat u l-implikazzjonijiet tiegħu fuq l-oneru ta' prova fi proċeduri penali, meta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi u Edward Vella**[32] qalet illi:

> Dan il-prinċipju ġie wkoll sanat fis-sentenza mogħtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et**[33] fejn intqal:
>
> "*illi l-prinċipju u s-sistema tal-liġi u proċedura penali tagħna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.'*"
>
> U issa għalhekk wieħed jistaqsi xi tfisser verament preżunzjoni tal-innoċenza? Din tfisser li l-akkużat ma jrid jipprova xejn dwar l-innoċenza tiegħu; l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-ħtija tiegħu. Għalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat l-ħtija tal-imputat, l-onus ġenerali tal-prova, u ċioe` tal-prova tal-ħtija tistrieħ fuq il-Prosekuzzjoni, li għandha għalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal għal din l-istess konklużjoni.
>
> L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il-Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

---

30 Per Onor Imħallef Consuelo Scerri Herrera, deċiża fit-13 ta' Frar, 2025.
31 Vol.III Kap IV, paġna 234, Edizioni 1890
32 Per Onor Imħallef Consuelo Scerri Herrera, deċiża fl-4 ta' Settembru, 2018.
33 Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fit-13 ta' Mejju, 1936

Fil-fatt rigward liema grad ta' prova irid jiġi sodisfatt l-Qorti tagħmel referenza għal dak li qal Lord Denning

"*that degree is well settled....it must carry a high degree of probability....if the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*"

**Konklużjoni**

Il-prosekuzzjoni tidher li bniet il-każ tagħha fuq provi mogħtija lilha minn rappreżentant ta' dik il-kumpanija li ppreżentat ruħha bħala l-parti leża. Kollox beda minn rapport li ressaq wieħed mill-*managers* tal-kumpanija li sussegwentement xehed *viva voce* quddiem il-Qorti u kkonferma l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-ex impjegat tagħhom, ċioe` l-imputat. Min-naħa tiegħu, l-imputat ċaħad dawn l-allegazzjonijiet u meta mitkellem *a tempo vergine* minn surġent ġewwa l-Għassa ta' Bormla, ftit wara li ġie rrapportat il-każ, ta spjegazzjoni sabiex ixejjen kull waħda minn dawk l-allegazzjonijiet. Is-Surġent Carmel Zarb, li kien bagħat għas-suspettat biex ikellmu dwar dak rapportat, xehed illi l-imputat kien qallu:

*....qalli jiena qalli żbalji ġili ħadt, qalli però nagħmilhom cancel dak il-ħin. Qalli u ġieli kien ikun hemm xi ħaddiema, xi klijenti li jsaqsuni rigward il-prezzijiet tal-prodotti. Qalli u kont nagħmilhom mal-magna biex il-magna tgħidli kemm huma. Qalli jiġifieri jekk jien qed nagħmel dak il-moviment għalhekk inkun qed nagħmlu qalli. Jew inkella kif qed ngħid dan hawn x'jgħiduli, għax inkun ħadt żball u nagħmel cancel. Qalli rigward li jiena nagħti l-affarijiet b'xejn qalli hemmhekk hemm policy li aħna ma nistgħux naqdu ħbieb tagħna jew membri tal-familja qalli, u dan li qed jintqal fuqi kollu gideb min-naħa tal-kumpanija.*[34]

Il-Qorti tosserva illi fuq naħa waħda hemm il-każ tal-prosekuzzjoni li kien iċċentrat fuq rapport u provi materjali ppreżentati mill-allegata parti leża li jħallu dubju dwar iċ-*chain of custody u* l-konklużjonijiet tal-kumpanija dwar l-użu allegatament abbużiv tas-sistema ta' *error correct* fejn ma baqa ma nġiebet evidenza biex sal-grad rikjest tipprova dak allegat minn Attard u l-okkażjonijiet li fihom tassew saru dawn it-tranżazzjonijiet illeċiti da parti ta' Zarb.

Il-Qorti tqis illi investigazzjoni aktar fil-fond mill-pulizija setgħet indirizzat aħjar dawn il-kwistjonijiet li, fl-aħħar mill-aħħar, dgħajfu l-każ tal-prosekuzzjoni. Il-Qorti fliet l-atti proċesswali, inkluż l-evidenza viżiva li turi lill-imputat, allura impjegat ġewwa l-ħanut ta' Bormla, waqt il-qadi ta' dmirijietu. Il-Qorti ssaqsi għalfejn il-prosekuzzjoni ma ressqet bħala xhud l-

[34] Fol.12

ebda ex-kollega tal-imputat, partikolarment dawk li kienu maġenbu, żewġ passi 'l bogħod wara l-istess *cash counter,* bħalu jaqdu lill-klijenti? Lanqas ma jidher illi l-investigaturi kellmu lil uffiċjali oħra tal-kumpanija iżda qagħdu biss fuq dak li ppreżentalhom l-*operations manager* li għamel ir-rapport. Rigward in-numru ta' 'żbalji' mwettqa mill-imputat, jidher li l-kumpanija lanqas qieset illi dan kien għadu fil-fażi inizjali tal-impjieg tiegħu meta wieħed ikun x'aktarx għadu qed jitgħallem. Barra minn hekk, ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni dwar kif il-kumpanija waslet biex tiddistingwi dawk l-*error correct* abużivi minn dawk li, b'ammissjoni tal-istess *manager,* kienu ġenwini. Lanqas l-evidenza viżiva, fil-fehma tal-Qorti, ma twassal għal konklużjoni deċiżiva dwar jekk l-aġir tal-imputat wara l-*counter* kienx abbużiv. Dan aktar u aktar meta l-istess espert tekniku mqabbad mill-Qorti qal illi seta' jieħu biss tlett fotogrammi minn dawk l-istanzi indikati lilu u kkonferma illi ma kienx hu li ħa kopja tal-filmati.

Fuq in-naħa l-oħra, il-Qorti għandha lill-imputat li nnega l-imputazzjonijiet kollha u *a tempo vergine* ta spjegazzjoni li, fil-fehma tal-Qorti, kienet attendibbli. Hu indirizza kull allegazzjoni indirizzata lejh bi spjegazzjoni li għandha mis-sewwa. Matul il-pendenza tal-kawża, l-avukat tal-imputat talab għal *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat. L-eżitu ta' dak ir-rapport kien wieħed pożittiv. Fil-fatt, l-uffiċjal tal-*Probation* li ħejja r-rapport, ikkonkluda illi l-imputat "*għandu ħajja pjuttost stabbli, fejn jinsab f'impjieg regolarizzat....għandu relazzjoni tajba mal-familja u mill-informazzjoni miġbura jidher....li ma jagħmilx użu minn sustanzi illeċiti."*[35] Din il-konklużjoni tidher li tikkombaċja mal-fatt illi l-imputat, li llum għandu sitta u għoxrin sena, għandu fedina penali netta.[36] Il-Qorti tosserva, inoltre, illi meta l-*Probation Officer* għamel tentattiv biex jikkomunika mal-kumpanija sabiex jivvaluta l-verżjoni u l-attitudni tal-vittma, irriżulta illi:

> *Minkejja diversi telefonati li saru mal-Convenience Shop sabiex jiġi mitkellem persuna li jista' jagħti dettalji dwar dan ir-reat, dan kien kollu għalxejn peress li l-Uffiċjal tal-Probation qatt ma rċieva telefonata mingħand il-persuna.*[37]

Finalment għalkemm fil-Current Incident Report jintqal li Zarb kien lest iħallas l-ammont ta' tlett mitt ewro (€300), dan hu biss *hearsay* tenut kont li l-ebda xhud ma nġieb sabiex jixhed dwar dan *viva voce.* Dan seta sar għaliex kienet il-Qorti diversament preseduta li waqqfet lill-prosekuzzjoni milli tkompli tistaqsi dwar l-inkontru li kien sar mal-imputat. Il-Prosekuzzjoni hemmhekk kellha tinsisti

---

[35] Fol.122
[36] Fol.124
[37] Fol.117

jew minn tal-inqas tivverbalizza li xtaqet iġib prova li ġiet negata lilha w tagħmel tentattiv sabiex il-Qorti kif preseduta dakinhar tifhem l-iskop tad-domanda u ċioe jekk intqalx xi kliem li jista' jittieħed bħala konfessjoni da parti tal-imputat.

B'hekk ukoll, baqa mhux magħruf jekk, kemm il-darba saret xi proposta da parti tal-imputat, jekk din kienitx biex jikkumpensa lill-istabbiliment ghal żbalji li seta' ħa fuq il-lant tax-xogħol jew inkella għaliex irrikonoxxa xi għemil kriminuz da parti tiegħu.

**Decide**

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti tqis illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ lil hinn minn kull dubju raġjonevoli u, b'rabta mal-prinċipji fundamentali tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tas-smiegħ xieraq, tali dubju għandu jmur favur l-imputat. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**

**Maġistrat**